



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Mejju 2024
(OR. en)

8500/24

LIMITE

CORLX 354
CFSP/PESC 510
CYBER 108
JAI 570
FIN 339

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/...

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi
kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797¹.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tapplika sat-18 ta' Mejju 2025. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-validità tal-miżuri restrittivi li jinsabu fiha jiġu estiżi sa dik id-data.
- (3) Fid-dawl tal-imġiba malizzjuża kontinwa u dejjem tiżdied fiċ-ċiberspazju, inkluż l-imġiba diretta kontra Stati terzi, jenħtieġ li r-raġunijiet għall-inklużjoni ta' sitt persuni u żewġ entitajiet fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 jiġu aġġornati.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha ĠU L 129, I, 17.5.2019, p. 13).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/79 hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-18 ta' Mejju 2025 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti.";

- (2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797, (“Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmiya fl-Artikoli 4 u 5”) hija emendata kif ġej:

- (1) fil-lista intitolata “A. Persuni fiżiċi”, l-entrati 3 sa 8 huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
"3.	Alexey Valeryevich MININ	Алексей Валерьевич МИНИН Data tat-twelid: 27.5.1972 Post tat-twelid: Perm Oblast, Russian SFSR (illum Russian Federation) Numru tal-passaport: 120017582 Maħruġ minn: Ministeru għall-Affarjiet Barranin tal-Federazzjoni Russa Validità: mis-17.4. 2017 sas-17.4.2022 Post: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Minin ħa sehem f'tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands u f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. Bħala uffiċjal ta' appoġġ għall-intelligence umana tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Alexey Minin kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW. Gran ġuri fid-Distrett tal-Punent ta' Pennsylvania (l-Istati Uniti tal-Amerka) akkużat lil Alexey Minin, bħala uffiċjal tad-Direttorat tal-Intelligence Ewlieni Russu (GRU), għall-hacking informatiku, il-frodi permezz ta' mezzi elettroniċi, is-serq aggravat tal-identità u l-ħasil tal-flus.	30.7.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
4.	Aleksei Sergeyvich MORENETS	Алексей Сергеевич МОРЕНЕЦ Data tat-twelid: 31.7.1977 Post tat-twelid: Murmanskaya Oblast, Russian SFSR (illum Russian Federation) Numru tal-passaport: 100135556 Maħruġ minn: Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa Validità: mis-17.4.2017 sas-17.4.2022 Post: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksei Morenets ħa sehem f'tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands u f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. Bħala uffiċjal taċ-ċibernetika għad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Aleksei Morenets kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksibu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW. Gran ġuri fid-Distrett tal-Punent ta' Pennsylvania (l-Istati Uniti tal-Amerka) akkużat lil Aleksei Morenets, kif assenjat lill-Military Unit 26165, għall-hacking informatiku, il-frodi permezz ta' mezzi elettroniċi, is-serq aggravat tal-identità u l-ħasil tal-flus.	30.7.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
5.	Evgenii Mikhaylovich SEREBRIAKOV	ЕВГЕНИЙ Михайлович СЕРЕБРЯКОВ Data tat-twelid: 26.7.1981 Post tat-twelid: Kursk, Russian SFSR (illum Russian Federation) Numru tal-passaport: 100135555 Maħruġ minn: Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa Validità: mis-17.4. 2017 sas-17.4.2022 Post: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Evgenii Serebriakov ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands u f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. Bħala uffiċjal taċ-ċibernetika għad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Evgenii Serebriakov kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksibu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW. Mir-rebbiegħa tal-2022, Evgenii Serebriakov mexxa "Sandworm" (magħruf ukoll bħala "Sandworm Team", "BlackEnergy Group", "Voodoo Bear", "Quedagh", "Olympic Destroyer" u "Telebots"), attur u grupp ta' hacking affiljat mal-Unit 74455 tad-Direttorat tal-Intelligence Ewlieni Russu. Sandworm wettaq attakki ċibernetiċi fuq l-Ukrajna, inkluż l-aġenziji tal-gvern Ukren, wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	30.7.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
6.	Oleg Mikhaylovich SOTNIKOV	Олег Михайлович СОТНИКОВ Data tat-twelid: 24.8.1972 Post tat-twelid: Ulyanovsk, Russian SFSR (illum Russian Federation) Numru tal-passaport: 120018866 Maħruġ minn: Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa Validità: mis-17.4.2017 sas-17.4.2022 Post: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Sotnikov ħa sehem fit-tentattiv ta' attakk ċibernetiku b'effett potenzjalment sinifikanti kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands u f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. Bħala uffiċjal ta' appoġġ għall-intelligence umana tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Oleg Sotnikov kien parti minn tim ta' erba' uffiċjali tal-intelligence militari Russa li f'April 2018 ippruvaw jiksbu aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-WiFi tal-OPCW f'The Hague, in-Netherlands. L-għan tat-tentattiv ta' attakk ċibernetiku kien il-hacking tan-network tal-WiFi tal-OPCW, li, li kieku rnexxa kien jikkomprometti s-sigurtà tan-network u l-ħidma investigattiva li għaddejja tal-OPCW. Is-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tad-Difiża tan-Netherlands (Militaire Inlichtingen- en Veiligheidsdienst) ħarbat dan it-tentattiv ta' attakk ċibernetiku, u b'hekk ipprevjena li ssir ħsara gravi lill-OPCW. Gran ġuri fid-Distrett tal-Punent ta' Pennsylvania akkużat lil Oleg Sotnikov, bħala uffiċjal tad-Direttorat tal-Intelligence Ewlieni Russu (GRU), għall-hacking informatiku, il-frodi permezz ta' mezzi elettroniki, is-serq aggravat tal-identità u l-ħasil tal-flus.	30.7.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
7.	Dmitry Sergeyevich BADIN	Дмитрий Сергеевич БАДИН Data tat-twelid: 15.11.1990 Post tat-twelid: Kursk, Russian SFSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Badin ħa sehem f'attakk ċibernetiku b'effett sinifikanti kontra l-Parlament federali Ġermaniż (Deutscher Bundestag) u f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. Bħala uffiċjali tal-intelligence militari tal-85th Main Centre for Special Services (GTsSS) tad-Direttorat Ewlieni tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), Dmitry Badin kien parti minn tim ta' uffiċjali tal-intelligence militari Russi li wettqu attakk ċibernetiku kontra l-Parlament federali Ġermaniż f'April u Mejju 2015. Dan l-attakk ċibernetiku kien immirat kontra s-sistema ta' informazzjoni tal-Parlament u affettwa l-operat tagħha għal diversi ġranet. Insteraq ammont ta' data sinifikanti u ġew affettwati l-kontijiet tal-posta elettronika ta' diversi Membri Parlamentari kif ukoll tal-eks Kanċillier Angela Merkel. Gran ġuri fid-Distrett tal-Punent ta' Pennsylvania (l-Istati Uniti tal-Amerka) akkużat lil Dmitry Badin, kif assenjat lill-Military Unit 26165, għall-hacking informatiku, il-frodi permezz ta' mezzi elettroniċi, is-serq aggravat tal-identità u l-ħasil tal-flus.	22.10.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
8.	Igor Olegovich KOSTYUKOV	Игорь Олегович КОСТЮКОВ Data tat-twelid: 21.2.1961 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Kostyukov huwa l-Kap attwali tad-Direttorat Ewlieni tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), fejn preċedentement serva bħala l-Ewwel Viċi Kap. Waħda mill-unitajiet taħt il-kmand tiegħu hija l-85th Main Centre for Special Services (GTsSS), magħrufa wkoll bħala "Military Unit 26165": "APT28", "Fancy Bear", "Sofacy Group", "Pawn Storm" u "Strontium"). F'din il-kapaċità, Igor Kostyukov huwa responsabbli għall-attakki ċibernetiċi mwettqa mill-GTsSS, inkluż dawk b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha. B'mod partikolari, uffiċjali tal-intelligence militari tal-GTsSS ħadu sehem fl-attakk ċibernetiku kontra l-Parlament federali Ġermaniż (Deutscher Bundestag) f'April u Mejju 2015 u t-tentattiv ta' attakk ċibernetiku mmirat għall-hacking fin-network tal-WiFi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands f'April 2018. L-attakk ċibernetiku kontra l-Parlament federali Ġermaniż kien immirat kontra s-sistema ta' informazzjoni tal-Parlament u affettwa l-operat tagħha għal diversi ġranet. Insteraq ammont ta' data sinifikanti u ġew affettwati l-kontijiet tal-posta elettronika ta' diversi Membri Parlamentari kif ukoll tal-eks Kanċillier Angela Merkel."	22.10.2020"

(2) fil-lista intitolata B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi l-entrati 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
"3	Iċ-Ċentru Ewlieni għat-Teknoloġiji Speċjali (GTsST) tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU)	Indirizz: 22 Kirova Street, Moscow, Russian Federation	Iċ-Ċentru Ewlieni għat-Teknoloġiji Speċjali (GTsST) tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), magħruf ukoll bin-numru tal-posta militari tiegħu 74455, kien involut f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha, u f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi, inkluż l-attakki ċibernetiċi magħrufa pubblikament bħala "NotPetya" jew "EternalPetya" f'Ġunju 2017 u l-attakki ċibernetiċi diretti kontra l-grilja tal-enerġija Ukrena fix-xitwa tal-2015 u l-2016. "NotPetya" jew "EternalPetya" rendew id-data inaċċessibbli f'għadd ta' kumpaniji fl-Unjoni, fl-Ewropa inġenerali u madwar id-dinja, billi attakkaw kompjuters b'ransomware u waqqfu l-aċċess għad-data, li wassal għal telf ekonomiku sinifikanti, fost l-oħrajn. L-attakk ċibernetiku fuq il-grilja tal-enerġija Ukrena wassal biex partijiet minnha ntfew matul ix-xitwa.	30.7.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
			L-attur magħruf pubblikament bħala Sandworm (magħruf ukoll bħala "Sandworm Team", "BlackEnergy Group", "Voodoo Bear", "Quedagh", "Olympic Destroyer" u "Telebots"), li huwa wkoll responsabbli għall-attakk fuq il-grilja tal-enerġija Ukrena, wettaq "NotPetya" jew "EternalPetya". Sandworm wettaq attakki ċibernetiċi kontra l-Ukrajna, inkluż l-aġenziji tal-gvern Ukren u l-infrastruttura kritika tal-Ukrajna, wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-attakki ċibernetiċi jinkludu kampanji ta' spear-phishing, malware u attakki ta' ransomware. Iċ-Ċentru Ewlieni għat-Teknoloġiji Speċjali tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jaqdi rwol attiv fl-attivitajiet ċibernetiċi mwettqa minn Sandworm u jista' jkollu rabtiet ma' Sandworm.	

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
4.	L-85th Main Centre for Special Services (GTsSS) tad-Direttorat Ewlieni tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU)	Indirizz: Komsomol'skiy Prospekt, 20, Moscow, 119146, Russian Federation	L-85th Main Centre for Special Services (GTsSS) tad-Direttorat Ewlieni tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (ĠU/GRU), magħruf ukoll bħala "Military Unit 26165";: "APT28", "Fancy Bear", "Sofacy Group", "Pawn Storm" u "Strontium"), huwa involut f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxi theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha u f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi. B'mod partikolari, uffiċjali tal-intelligence militari tal-GTsSS ħadu sehem fl-attakk ċibernetiku kontra l-Parlament federali Ġermaniż (Deutscher Bundestag) f'April u Mejju 2015 u t-tentattiv ta' attakk ċibernetiku mmirat għall-hacking fin-network tal-WiFi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fin-Netherlands f'April 2018. L-attakk ċibernetiku kontra l-Parlament federali Ġermaniż kien immirat kontra s-sistema ta' informazzjoni tal-Parlament u affettwa l-operat tagħha għal diversi ġranet. Insteraq ammont ta' data sinifikanti u ġew affettwati l-kontijiet tal-posta elettronika ta' diversi Membri Parlamentari kif ukoll tal-eks Kanċillier Angela Merkel. Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, twettqu attakki ċibernetiċi mill-GTsSS (spear-phishing u attakki abbażi ta' malware) kontra l-Ukrajna.	22.10.2020"